

*Soċjetà Piroteknika*
*15 ta' Awissu*

# *Mosta*


PLANT HIRE
AND
MANUFACTURERS
OF
PREFABRICATED
CONCRETE
PRODUCTS
BALLUT BLOCKS LTD.
PLANT HIRE AND MANUFACTURERS OF PREFABRICATED CONCRETE PRODUCTS
WIED FILEP L/O NAXXAR Tel: 487738 ~ 472666 ~ 473093 Fax: 475562

# *Soċjetà Piroteknika 15 ta' Awissu*
# MOSTA

**Presidenti Onorarji**
Onor. Lawrence Gatt M.P., Perit Vigo Micallef,
Onor. Freddie Micallef M.P., Onor George Gatt M.P.
Robert Cardwell (Texas, U.S.A.)

## Kumitat

*President*
Benedict Busuttil

*Vice President*
George Camilleri

*Segretarju*
Edmond Saliba

*Asst. Segretarju*
Saviour Vassallo

*Kaxxier*
William Gatt

*Ass. Kaxxiera*
Ronnie Mallia Jimmy Camilleri

*Membri*
Johann Spiteri, Salvu Galea, Charles Catania
Joe Zerafa, Charles Frendo

*P.R.O.*
Victor B. Caruana

**Is-Sur Emy Camilleri** nħatar bħala l-bniedem responsabbli għall-post tan-nar. Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li għenu fil-publikazzjoni ta' dan il-ktejjeb.
Ringrazzjament speċjali lil dawk kollha li għenu permezz tar-riklami.
Billi dan il-ktejjeb ġie ippreparat kmieni, ma kienx possibli li ninkludu l-isponsors tal-programm tan-Nar. Dawn jiġu ippubblikati fil-programm il-kbir, ftit qabel il-festa.

VASSALLO Concrete Supplies Ltd.

**Suppliers of:**



- ☐ Ready Mixed Concrete
- ☐ Torba
- ☐ Precast Concrete Components
- ☐ Hollow Concrete Building Bricks






- ☐ Roofing Beams & Blocks
- ☐ Sand and Spalls



## F. & J.D. (MOSTA) LTD.

Quarry No. 32
Misraħ Suffara, Rabat, Malta.
Tel: 674346

## LAND AND ESTATE DEVELOPERS

**Wied il-Għasel, Burmarrad**
**Tel: 477399 - 43077**

# MESSAĠĠ TA' L-ARĊIPRIET

Nirringrazzja lill-Kumitat ta' l-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awissu li stedinni biex nikteb messaġġ fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija.

Inħoss li l-ewwel kelma għandha tkun kelma ta' ringrazzjament għall-ħidma kollha li ssir. Ta' min ifakkar li t-tħejjija tibda hekk kif tgħaddi l-festa. U allura jsiru sagrifiċċji mhumiex żgħar mill-membri u mid-dilettanti biex ilaħħqu max-xogħol tagħhom.

Kelma oħra għandha tkun ta' apprezzament. Mhux lil kulħadd jogħġob il-logħob tan-nar għal diversi raġunijiet. Imma kulħadd jammetti li trid arti, preċiżjoni u kapaċità biex joħroġ xogħol tajjeb, kif issa drajna li jkollna fil-Mosta ta' kull sena.

Nixtieq inżid kelma ta' ħabib lill-membri u lid-dilettantikollha. Ħudu ħsieb tagħkom infuskom billi ma tissugrawx u ma tesaġerawx. Ħudu ħsieb ukoll ta' ħaddieħor billi tbegħdu kull periklu speċjalment għat-tfal u għaż-żgħażagħ. U tinsewx li kull esaġerazzjoni hija ħsara kemm minħabba ħela żejjed kif ukoll għax iddejjaq.

Nawguralkom li intom toħorġu sodisfatti u magħkom noħorġu soddisfatti aħna wkoll li ngawdu l-frott tal-ħidma tagħkom.

**Dun Joe Carabott**

Arthur's PHOTO and VIDEO service

**16, Xorxa Street, Mosta**
**Tel: 432996 - 432844**

**For weddings, engagements, parties, etc.**
**cameras, albums, frames,stationery,**
**gifts, cards, toys, games.**

# Bonavia Stores Ltd

Sole Agents for

- CAR/COACH LIFTERS
- CONSTRUCTION INDUSTRY TOOLS
- EMERGENCY LIGHTING EQUIPMENT
- FORK LIFTERS
- GARAGE EQUIPMENT
- GENERATORS
- HAND TOOLS
- INDUSTRIAL MACHINERY
- MEASURING INSTRUMENTS
- PNEUMATIC LUBRICATING EQUIPMENT
- PNEUMATIC TOOLS
- PNEUMATIC WASHING TANKS
- POWER TOOLS AND ACCESSORIES
- PRECISION TOOLS
- SAND BLASTERS
- STEAM AND PRESSURE CLEANERS
- TOWING TRUCKS
- WELDING, SOLDERING AND BRAZING EQUIPMENT

**ANĠLU GATT STREET, MOSTA, MALTA**

**TELEPHONE 432858 - 430428 - 430432**

# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT

Il-festa ta' l-Assunta tinsab magħna. Ġrajja li aħna l-Mostin infakkru ta' kull sena bl-akbar pompa u qima, kemm f'dik li hi festa ta' ġewwa kif ukoll dik ta' barra.

Però wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-qofol tal-festa hija propju dik li ssir fil-Knisja, u hija din il-ħaġa li l-aktar li rridu nagħtu importanza. Diżgrazzjatament, għad hawn uħud - u dan qed ngħidu anke għal xi membri ta' l-istess għaqda tagħna - li għalihom il-festa ta' Santa Marija tfisser biss banda, murtali u l-briju u xejn aktar.

Il-Kumitat ta' l-għaqda tagħna qiegħed bil-mod il-mod jaħdem biex jibdel din il-mentalità f'uħud mill-membri tagħha. Qegħdin nippruvaw nikkonvinċu ċerti membri li x-xogħol tan-nar li nagħmlu matul is-sena isir biex inkomplu insebbħu l-festa, u la darba dan jagħmel parti mill-festa irridu nsibulu l-ħin addattat għalih. Dan ifisser li m'għandniex naħarquh fi x'ħin irridu jew inkella għalix irħula oħra jagħmlu ħaġa, aħna nagħmlu nħalhom.

L-intenzjoni tal-kumitat hija li n-nar jinħaraq f'ħinijiet li ma jkunx ta' ostaklu għal dik li hi l-qofol tal-festa jiġifieri ċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-Knisja. Min naħa tal-kumitat inħoss li x-xogħol li sar f'dan ir-rigward qiegħed jilħaq l-iskop tiegħu . Biżżejjed insemmu li fl-aħħar laqgħa Ġenerali li saret, ittieħdet deċiżjoni dwar ċerti ħinijiet tal-ħruq, li ftit ta' snin ilu kien impossibli li twettaqhom minħabba li l-maġġoranza tal-membri kienu kontrihom. Issa, minħabba l-għaqal li wera l-kumitat, illum nistgħu ngħidu li dawk li kienu maġġoranza kontra dawn id-deċiżjonijiet illum saru minoranza.

Hawnhekk, ta' min jinnota li anke dawn qablu mad-deċiżjoni tal-kumitat u baqgħu jagħtu l-kontribut tagħhom minnflok ma ssuppervjaw u daru kontra l-għaqda. Hu pjaċir tiegħi ninnota li dak kollu li qiegħed jagħmel il-kumitat qiegħed iħalli l-frott mixtieq, u dan jirrifletti s-serjetà li qed timxi biha din l-għaqda.

J'Alla nibqgħu f'din it-triq, għaliex b'hekk ikollna garanzija li l-festa ta' l-Assunta tkompli tikber mhux billi nagħmlu aktar nar iżda billi nuru aktar w aktar serjetà.

**Benedict Busuttil**
**President**

## VIVA SANTA MARIJA

FRANCESCO FENECH




# Lord Nelson Bar

## MOSTA

## Tel: 432590

***Proprietors: JIM & MARY CAMILLERI***

## DRINKS, SNACKS
## & LOCAL FOOD

# KELMTEJN MIS-SEGRETARJU

Qegħdin qrib il-15 ta' Awissu, u bħal ma tafu, l-istess isem ta' l-għaqda tan-nar tagħna juri l-konnessjoni li għandna ma' din il-ġurnata. Id-dilettanti tan-nar ta' din is-soċjetà iqattgħu ħafna mill-ħin tagħhom jippreparaw ix-xogħol tan-nar għal din il-festa tant għażiża għalina l-Mostin. Dan ix-xogħol ma' jagħmluhx għal xi qligħ ta' flus, anzi għall-kuntrarju, aktarx li dawn joħorġu l-flus mill-but, biex ma nsemmux ukoll is-sagrifiċċju ta' tbatija li jgħaddu minnhom matul is-sena.

Ħafna jirraġunaw li dawn jagħmlu dan ix-xogħol b'delizzju jew aħjar biex jgħaddu l-ħin. Sa ċertu punt dan hu kollu minnu, però wieħed jista jirraġuna li dilettant tan-nar jista' faċilment igawdi d-delizzju tiegħu u fl-istess ħin idaħħal xi ħaġa tal-flus żejda fil-but billi jagħmel xogħol għal xi festi ta' rħula oħra.

Iżda f'soċjetà bħal ma hi tagħna, dan mhuwiex permess, infatti meta l-membri tas-soċjetà tagħna jagħmlu xi xogħol b'konnessjoni ma' festa ta' xi raħal ieħor, il-qligħ kollu jmur għall-festa tal-parroċċa tagħna. Xi jfisser dan? Dan ma jfisser xejn għajr li l-istess membri ta' l-għaqda tagħna, huma nies miġbudin bil-fatti lejn raħal twelidhom, u dak kollu li qed jagħmlu, jagħmluh għax iħobbu 'l Mosta.

Min naħa l-oħra, tal-Mostin, jiddispjaċini ngħid li ftit huma dawk li japprezzaw l-isforzi ta' dawn ħutna Mostin. Biex nieħdu eżempju, f'irħula oħra nsibu għaqdiet bħal tagħna li wara l-festa, jiġu mistiedna minn każini politiċi, sportivi w għaqdiet oħra, għal xi riċeviment ad unur tal-membri li ħadmu n-nar tal-festa .

Fil-Mosta, dan ma jeżistix, għalkemm xi snin ilu kien jiġri xi ħaġa simili min naħa ta' l-Arċipriet. Però illum din ukoll inqatgħet. Fir-raħal tagħna, meta xi każin jagħmel suċċess f'xi ħaġa, malajr naraw diversi għaqdiet oħra joffrulhom xi ħaġa, malajr naraw diversi għaqdiet oħra joffrulhom xi ħaġa bħala tifkira meta wkoll ma ninżlux indoqqulhom xi Marċ! Jgħidulek - "Imma dawn ikun ħaqqhom, għax ħadmu għall-Mosta." Allura dawk li jaħdmu n-nar ma jagħmluhx għall-Mosta ukoll? Tant hu hekk, li bir-rispett kollu għal kulħadd, meta xi ħadd ħareġ bl-idea li fil-Mosta jsir marċ għal tan-nar aħna fraħna, għax għedna "hawn min jiftakar fina!" iżda għarralna, għax darba biss sar.

Madankollu ma rridx ninsa lil dawk li għoġobhom jiddedikaw marċ għall-għaqda tan-nar 15 ta' Awissu, għaliex b'hekk aħna nkunu nistgħu ngħidu li għallinqas m'aħniex minsijin għal kollox mill-Mostin.

**IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD**

**Edmond Saliba**
**Segretarju**


Barbie
MATTEL ®

# KELMTEJN MILL-KAXXIER

Fil-Malti ngħidu li "Bil-flus tagħmel triq fil-baħar". Dan ifisser li fil-ħajja, tkun f'liema sitwazzjoni tkun, jekk ikollok il-flus tkun tista' tagħmel dak li tixtieq biex b'hekk il-ħolm jiġi realtà u timxi 'il quddiem.

Bħala l-kaxxier ta' l-għaqda ma nistax ma nsemmix il-flus għaliex bħal f'kull għaqda, l-flus huma essenzjali biex nibqgħu mexjin 'il quddiem, nikbru fir-riżorsi u nkunu nistgħu nkabbru l-festa tagħna l-Mostin.

Però forsi l-anqas ħaġa li wieħed jieħu gost jagħmel huwa li jitlob il-flus, iżda min jitlob jaqla!! Mill-ġabra ta' l-envelopes mid-djar li saret din is-sena, rajt kemm il-Mostin huma ġenerużi u kemm japprezzaw ix-xogħol tagħna.

Madankollu, min ikun irid jagħti xi offerta, tkun kemm tkun żgħira, jista' jgħaddiha għand il-'Lord Nelson Bar'. Nassigurakom li l-għotja tagħkom hija dejjem għajnuna biex intaffu xi ftit mill-ispejjeż li jkollna.

Fl-aħħarnett ma nistax ma nirringrazzjax lill-'isponsors' ta' dan il-ktejjeb għall-ġenerożità tagħhom u lilkom ilkoll, nawguralkom il-festa t-tajba.

J'Alla nagħrfu nagħmlu festa sabiħa, magħqudin lkoll flimkien f'ġieħ Marija Assunta l-Patruna tagħna.

**VIVA MARIJA MTELLGĦA S-SEMA**

**William Gatt**
**Kaxxier**


# yours boutique

**67, Constitution Street, Mosta Tel. 491872**
**Il-Ħanut fejn issib ħwejjeġ għal kull okkażjoni**

***Għadna kif irċevejna stock ġdid ta' ħwejjeġ bi prezzijiet moderati ħafna.***

**ĠĦAN-NISA :**
**Ilbiesi,Tops, Dbielet, Qliezet, Jumpers, Kowtijiet, Ġgieget, etc.**
**GĦALL-IRĠIEL:**
**Ilbiesi, Ġlekkijiet, Qliezet, Qomos, Jumpers tas-Suf, Sweat Shirts, etc.**

TRANSMEC
SERVICES LTD.
Wied il-Ghasel, Burmarrad
Tel:493985, 476151

SUPPLIERS OF GENERAL BUILDING MATERIALS

Asbestos Pipes & Fittings
Galvanised Water Pipes & Fittings
Electrical Galv / B.E. Fittings
Damp Proofing Compounds
P V C Pipes & Fittings

Deformed Reinforcing Steel Bars
Sheared to size & bended to shape
Reinforcing Steel Mesh
Delivered
(up to 4-stories)

STOCKISTS OF STEEL SECTIONS
Mild Steel Chequered Sheets - Expanded Metal
Mild Steel Rectang. / Square - Hollow Sections
Mild Steel Flat Rectangular and Square Bars
Mild Steel Angles - Channels - Tees
Mild Steel Round Solid Bars

WATERPROOFING MEMBRANE




*Parti mix-xogħol tan-nar ta' l-art li nħadem mill-Għaqda għall-festa tas-sena l-oħra.*

SUBARU

FWD

SEDAN J10 / J12

4WD




- ▲ Compact and Economical (58 m.p.g.) 1.0/1.2 litre engine.
- ▲ Very spacious interior space.
- ▲ Designed to give you years of outstanding economical performance and reliability.
- ▲ Corrosion preventive galvanized steel sheet.
- ▲ Automatic transmission also available.
- ▲ 2 W. D. or 4 W.D.

Now is the time to buy!
Benefit from the rate of exchange.

SUBARU
SHOWROOM
Eucharistic Congress Rd., Mosta.

Tel: 433989




*Parti mix-xogħol tan-nar tal-ajru li nħadem mill-Għaqda għall-festa tas-sena l-oħra.*



GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

## GENERAL BUILDING CONTRACTORS
## Suppliers of Ready Mixed Concrete

FORT ROAD, MOSTA,
MALTA

Telephone 410427, 410111, 410411
Fax: 412299
Cables: Limestone

# WIRJIET TA' LOGĦOB TAN-NAR MADWAR ID-DINJA

*Jikteb Victor B. Caruana P.R.O.*

Illum meta wieħed imur jara l-logħob tan-nar fl-lejliet il-festa bil-lejl, f'ċerti rħula, dan jgħid li mar jara esibizzjoni. Dawn qed inkunu ta' livell tajjeb,u fejn l-emfasi aktar qed isir fuq il-kwalità u l-varjetà milli fuq il-kwantità. Ir-raħal tagħna jista'jingħadd bħala wieħed minn dawn. L-Għaqda tagħna qed tikkontribwixxi ħafna għal dan, speċjalment bil-ħidma tal-membri tagħna, immexxija bil-għaqal u s-serjetà mill-imgħallem tagħna Emy Camilleri.

Hawnhekk qed niftakar f'diversi wirjiet li jsiru madwar id-dinja. Wirjiet kbar isiru f'għeluq il-Logħob Olimpiċi,jew meta jiġi elett President ġdid Amerikan. Fil-Ġermanja f'Awissu, fuq ix-xmara Rhine, isir il-Fire Festival, spettaklu ta' logħob tan-nar, minn fuq kastelli, għoljiet mal-ġenb tax-xmara kif ukoll minn fuq braken. (Il-biċċa l-kbira tan-nar jiġi mportat).

Fl-Awstralja kull sena, jsiru wirjiet kbar. L-akbar waħda saret fis-26 ta' Jannar 1988, fil-Bicentennial Celebrations. F'din l-okkażjoni wkoll, ħafna minnar ġie mportat. Fil-Canada jsiru wirjiet kbar kull sajf, li jiġu sponsorjati minn ditta magħrufa internazzjonali tas-sigaretti, li teżisti wkoll f'Malta.

Wirja oħra famuża ssir f'Pariġi, fl-14 ta' Lulju, fil-Jum Nazzjonali. Matul is-sajf bliet prominenti Franċiżi, jorganizzaw diversi wirjiet. Ix-xogħol ikun kollu maħdum lokalment.

Xi ngħidu imbagħad għal Konkorsi Internazzjonali li jsiru Franza f'Lulju/Awissu? Dawn isiru prinċipalment f'Monaco, għalkemm wirijiet oħra spettakolari jsiru f'Cannes u Nice. Jiġu organizzati Tours fuq vapur u żgħar, li jorbtu f'nofs il-bajja, jservu l-ikel u wara wieħed joqgħod jammira l-logħob tannar minn fuqhom. Ix-xtut ikunu miżgħuda bit-turisti, li jkunu ġew minn kull rokna ta' Franza, ppakkjati bħas-sardin fuq ferroviji. Waqt il-wirja tintuża mużika sinkronizzata addattata minn loudspeakers kbar. Ta' min ifakkar li l-famuż kompositur George Handel, żmien ilu kkompona kompożizzjoni magħrufa "Music for Fireworks".

Diversi pajjiżi jieħdu sehem u l-programm qatt ma jdum aktar minn nofs siegħa, iżda din tkun verament tajba. Wieħed ikun jista' jara murtali tal-kulur, kaxxi nfernali u xokkijiet fl-istess ħin, tant li s-sema tkun qisha kannizzata talisbaħ lwien. Eluf ta' nies jinġabru minn kmieni wara nofs in-nhar sabiex isibu postijiet vantaġġjuż. Hawn tiltaqa' ma' nies minn kull rokna tad-dinja, li jgħidulek li ġew speċifikament sabiex jaraw din il-wirja. F'San Sebastian, fi Spanja, jsir ukoll Festival simili.

F'Malta tista' ssir xi ħaġa simili. Din tista' ssir taħt l-awspiċi tal-organizzazzjoni tat-Turiżmu. Tista ssir darba l-Qawra u s-sena ta' wara Marsascala. Hawn madwar ħamsa u għoxrin kamra tan-nar. Kieku lukandi ewlenin jisponsorjaw tużżana murtali tal-kulur jew kaxxa nfernali jew sett ta' xokkijiet, minn kull kamra tan-nar biżżejjed biex ikollna spettaklu li żgur ikun ħaqqu post xieraq fil-kalendarju turistiku. Din issir bħala wirja u mhux kompetizzjoni u tista ssir fl-aħħar tas-sajf meta kważi jkunu spiċċaw il-festi. Jiena ċert li bil-ħila tad-dilettanti Maltin, ikun hawn spettaklu li jagħmel unur lil Malta.

**OSCAR MIZZI ALUMINIUM LTD.**

Aluminium Doors & Windows
NEW STREET OFF FORT STREET,MOSTA
Tel: 414108, 432344

**JR RADIATORS LTD.**

*Manufacturers & Exporters of Vehicle Radiators & Cooling System Equipment*
John Tanti
KW 13b, Corradino Ind. Estate, Malta Tel: 804752

**SUNNY BORG WOOD SUPPLIER**

Supplier of Plywood, Chipboard, Malamine,
Fiber & all types of timber
'Beajolais' Ta' Braġġ, Mellieħa

Tel. 520188 (Home) , 574254, 573439
Telecell: 099 3016

**FINAL FURNITURE**

Showroom: 181, Constitution Street, Mosta Tel: 410802
Factory: 1/3, Wied il-Għasel, Mosta Tel: 413686
Naċċettaw kull ordni għal: Main Bedrooms u spare Bedrooms,Moderni, Kċejjen tal-Postform u tal-Oak.
U dak kollu li tinħtieġ biex tarma dar moderna.



*Fiż-żmien il-Għid sar it-Tberik tal-kumpless tan-nar fid-Dwejra mill-Wisq Rev. Arċipriet Fr. Joe Carabott. Dan kien akkompanjat mid-djaknu Antoine Camilleri.*
*Photo: Victor B. Caruana*


# JAMES FALZON

VALLEY ROAD, MSIDA. TEL: 492186

*LAND ROVER & RANGE ROVER*
*SALES & SPARES*

LAND ROVER

RANGE ROVER



**Genuine Parts**

# IL-PROGRAMM TAL-LOGHOB TAN-NAR MAHDUM MIL-MEMBRI TA'

## *L-Ghaqda tan-Nar 5 ta' Awissu, Mosta*

**It-Tnejn 29 ta' Lulju: Hruġ ta' l-istatwa min-niċċa**
Hruq ta' salut, kaxxa nfernali u murtaletti.

**Is-Sibt 10 ta' Awissu: Jum l-Inkurunazzjoni**
Fil-11.00p.m.: Hruq tan-nar ta' l-art. Wara, kaxxa Roman Candles.

**Il-Hadd 11 ta' Awissu: L-Ewwel Jum tat-tridu**
Fit-8.00a.m. *
Fl-12.00p.m.: Hruq ta' murtali u murtaletti
Fid-9.00p.m.: Hruq ta' murtali tal-beraq u kulur.
X'hin jasal il-marċ fil-pjazza, tinharaq kaxxa infernali.

**It-Tnejn 12 ta' Awissu: It-Tieni Jum tat-Tridu**
Fit-8.00a.m.*
Fl-12.00p.m.: Hruq ta' murtali u murtaletti.
Fid-9.00a.m.: Hruq ta' murtali tal-beraq u kulur.
X'hin jasal il-marċ fil-pjazza, tinharaq kaxxa infernali.

**It-Tlieta 13 ta' Awissu: L-Ahhar jum tat-tridu**
Fit-8.00a.m.*
Fl-12.00p.m.: Hruq ta' murtali u murtaletti
Fid-9.00a.m.: Hruq ta' murtali tal-beraq u kulur.
X'hin jasal il-marċ fil-pjazza, tinharaq kaxxa infernali.



**L-Erbgha 14 ta' Awissu: Lejliet il-Festa**
Mal-Mota tat-Te Deum: Hruq ta' murtali, kaxxa infernali u murtaletti
Fl-12.00p.m. Hruq ta' murtali u murtaletti
Fis-6.30p.m. Waqt it-Translazzjoni hruq ta' murtali, kaxxa infernali u murtaletti.
Fl-10.00p.m. Hruq ta' murtali tal-beraq u kulur, u kaxxa infernali tal-kulur.

**Il-Hamis 15 ta' Awissu: JUM L-ASSUNTA**
Fit-8.00a.m.*
Qabel u Wara l-Quddiesa Solenni: Hruq ta' Murtali u murtaletti.
Fis-7.00p.m.: Hruġ tal-purċissjoni - Hruq ta' Salut u Kaxxa Infernali. Wara, diversi settijiet ta' murtali jakkumpanjaw il-purċissjoni.
Fid-9.00p.m.: Hruq ta' murtali tal-beraq u kulur.
Fid-dhul tal-Vara tinharaq skrizzjoni bil-gassijiet minn fuq il-Knisja. Wara, kaxxa Roman Candles.

*N.B.F'dan il-hin mhux se jinharaq nar,b'deċiżjoni li ttiehdet fl-ahhar laqgha ġenerali ta' l-Ghaqda tan-nar 15 ta' Awissu.*

## VIVA SANTA MARIJA

MARIANO
GAUCI
ALUMINIUM



St. Mary's Garage
Triq Ġanni Vella, Mosta - Malta

Tel: 433515

PARAMOUNT GARAGE
(Bus)
257 , Constitution Street, Mosta



Malta's Largest Bus Hire Fleet
Including Mini Buses & Chauffeur driven Cars.
GENERAL HIRE SERVICE
**Tel: 432001, 410220, 411193**

# *IL-LOGĦOB TAN-NAR*

*Kitba ta' E. Camilleri*

Huwa fatt li l-logħob tan-nar kif nafuh aħna, twieled xi żmien wara l-invenzjoni ta' dak li aħna nsejħulu "Porvli". Però wieħed irid jgħid li l-idea tal-logħob bin-nar kienet diġà teżisti fl-Indja, il-Persja kif ukoll fil-Greċja u Ruma. Meta wieħed iħares lura fl-istorja biex ifittex l-oriġini tal-logħob tan-nar, jiltaqa' ma' l-użu tal-fjamma li kienet isservi kemm bħala sinjal kif ukoll tagħti xi forma ta' dawl.

Insibu li fis-sena 211 qabel Kristu, wieħed mill-mexxejja Ċiniżi Shih-Huang-Ti li bena l-ħajt il-kbir taċ-Ċina, kien juża tarjiet tas-sinjali li fihom kien jinħaraq xi injam u fuqu jintefa' forma ta' trab li aħna l-Maltin insejħulu "Mitrat tal-Putassa". B'hekk, f'każ ta' xi invażjoni mill-għadu, huwa kien ikun jista' jagħmel sinjal lit-truppi li kienu jkunu wara l-ħajt.

Hawn irridu ninnotaw li n-nitrat tal-putassa għadu sal-ġurnata tal-lum, wieħed mill-ingredjenti tal-porvli. Però ħaġa ta' l-iskantament, minkejja li n-nitrat tal-putassa kien ilu tant snin jintuża, nsibu li l-porvli ġie ivvintat fl-era ta' l-imperatur Tang (618-907). Madankollu, dwar dan, hawn nuqqas ta' qbil għaliex sorsi oħra jgħidu li dan ġara fl-era ta' l-imperatur Sung (1127-79). Hu maħsub li l-invenzjoni tal-porvli ġrat b'kumbinazzjoni, meta xi ħadd mhux magħruf kien qiegħed jaħraq xi ħatab u waddab xi mitrat tal-putassa u trab tal-kubrit, li rriżulta fi splużjoni mhux tas-soltu. Wieħed irid jinnota li l-porvli huwa magħmul minn mitrat tal-putassa, kubrit u faħam.

Skond Alan St Hill Broch, kittieb dwar l-istorja tal-logħob tan-nar, iċ-Ċiniżi ma ndunawx mill-ewwel bis-saħħa li kellu l-porvli, biex ngħidu aħna nwaddbu jew jisparaw xi ħaġa minn xi forma ta' kanna. Skond l-istess Broch, l-użu tal-porvli fl-armi tan-nar ġie aktar irfinut għall-ħabta tas-seklu 13 ġewwa l-Ġermanja minn Patri Franġiskan, Berthold Schwary.

Madankollu, anke hawn għad hawn xi dubji għaliex kittieba oħra jsemmu pajjiżi oħra bħall-Ingilterra, Franza, Turkija w anke l-Hindus li kienu żewġu l-porvli ma' l-armi tan-nar. Hu maħsub li ċ-Ċiniżi kienu jagħmlu forma ta' bombi bil-porvli u imbagħad kienu jitwaddbu 'il bogħod b'forma ta' wadab. X'aktarx, iċ-Ċiniżi intebħu li l-bombi tagħhom jistgħu jiġu sparati minn kanni, permezz ta' xi bastimenti Olandiżi li kienu jbaħħru fi xmajjar ġewwa ċ-Ċina. Wieħed jista' għalhekk jgħid illi l-porvli ġie ivvintat fil-Lvant u dan kien jintuża biex isebbaħ xi ċeremonji bħal ma għadu jintuża l-logħob tan-nar illum.

Min-naħa l-oħra, fil-Punent, l-aktar fl-Ewropa l-porvli kien jintuża għal

Pisani Cut Glass Co. Ltd.
STOCKIST OF: CLEAR,TINTED, PATTERNED GLASS - MIRROR WORKS -
POLISHING BEVELLING AND FIXING.

New Street in Bridge Street, Mosta

Tel: 433258

Valletta Road, Mosta
Tel: 433872

la Buona Dolceria

Garden of Eden
Reception Hall

Triq il-Barrieri,
(Munqar) Zurrieq
Tel: 683425

*CATERERS FOR ALL OCCASIONS*

skopijiet militari. Diversi kittieba isemmu (però hawn m'għandniex provi konkreti) li l-logħob tan-nar jew aħjar il-porvli, beda jintuża għal spettaklu ġewwa Firenze, l-Italja. Ħafna iqisu lil din il-belt bħala l-post fejn twieled il-logħob tan-nar kif nafuh illum. Kien minn hawn li nxtered lejn il-kumplament tal-kontinent Ewropew u wara anke lejn il-kontinent Amerikan.

Il-gżira tagħna hija magħrufa mad-dinja kollha, għas-sbuħija tal-logħob tan-nar li taf toffri. Aktarx , li l-oriġini tiegħu f'Malta jmur għall-aħħar tas-seklu 19, meta bdejna naraw xi logħob tan-nar, probabilment impurtat mit-truppi Ingliżi għal xi okkażjonijiet tagħhom. Insibu li f'Marzu tal-1901, kienet saret wirja kbira mill-inħawi tal-port il-kbir, ad unur id-duka u dukessa ta' York li kienu qed iħallu lil Malta wara ż-żjara tagħhom.

Ma hemm l-ebda dubju però li l-Maltin bdew jitgħallmu s-sengħa tal-logħob tan-nar minn għand xi Taljani li kienu jiġu Malta biex jagħmlu xi wirja ta' logħob tan-nar.

Meta nsemmu is-seklu 19, inkunu qed nirreferu għal-logħob tan-nar kif nafuh illum, għax il-porvli f'Malta daħal ferm qabel u kulħadd jaf x'sehem dan kellu fl-Assedju l-Kbir. B'hekk għandi għaliex naħseb li xi porvli minn tal-kanuni seta' sab ruħu f'xi forma ta' maskli li kienu jintużaw biex jagħmlu ħoss tal-bomba f'xi ċeremonji reliġjużi jew aħjar, fil-festi tal-qaddisin.

F'dan is-seklu, ninnutaw li l-logħob tan-nar għamel qabża kbira 'il quddiem f'dak li hu spettaklu, u dan hu dovut għar-riċerki li saru minn studjużi dwar dan is-suġġett, kif ukoll għal sejbiet ta' kimiċi ġodda li bis-saħħa tagħhom, il-logħob tan-nar sar aktar spettakulari. Hu fatt ukoll li minkejja li f'dan is-seklu il-popli tad-dinja għandhom aktar fiex jehdew, il-logħob tan-nar, flok naqas fil-popolarità tiegħu, aktar nies qed ifittxu biex jarawh. Fejn qabel kien ġeneralment jintuża f'okkażjonijiet kbar, illum insibu li dan daħal f'okkażjonijiet anke familjari, ngħidu aħna ta' magħmudija, żwieġ, għeluq snin xi ħadd, u ta' ħafna okkażjonijiet oħra li jiġru minn ħin għall-ieħor. Hi x'inhi l-okkażjoni, l-biċċa l-kbira tan-nies taqbel li l-logħob tan-nar hu xi ħaġa li biha wieħed jimmarka li hi okkażjoni speċjali.

U xi ngħidu għalina l-Mostin? Nistgħu aħna nħallu l-festa tagħna, l-festa ta' Santa Marija tkun iċċelebrata mingħajr logħob tan-nar?
Forsi għalina ta' demm Mosti, l-15 ta' Awissu mhix okkażjoni speċjali? Forsi mhix l-aqwa okkażjoni li fiha l-Mostin niċċelebraw din il-festa bħala familja waħda? J'Alla l-Mulej idawwlilna moħħna sabiex aħna nagħrfu inwarrbu dak kolli li jista' jifred din il-familja kbira Maltija.

## VIVA MARIJA ASSUNTA

# *AUGURI*

AMARETTO DI

SAN GIORGIO

LIQUEUR

THREE BARRELS LTD.

***L'AMARETTO PER LA FESTA***

**Three Barrels Ltd. 12/13, Castro Str., Naxxar - Malta**

**Tel: 410817**

Pollo d'Oro

*GUARANTEE*

The Feed supplied for rearing this chicken is guaranteed
not to contain harmful antibiotics or other dangerous substances.

**The Chicken with the REAL chicken taste**

AGRISUPPLIES LTD. AURORA STR., MOSTA TEL: 430979 FAX: 413647

# INWIEĠBU GĦALL-KUMMENTI

Is-Segretarju ta' l-għaqda tagħna għoġbu jgħaddili diversi ittri li sibna fil-ġabra ta' l-Envelopes li ssir kull sena. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-ittri huma ittri ta' inkoraġġiment, ittri li jnisslu fik kuraġġ biex tkompli fix-xogħol li qiegħed tagħmel. F'uħud mill-ittri hemm anke suġġerimenti, uħud prattiċi w oħrajn impossibli li jitwettqu. Iżda għandna imbagħad ittra waħda fejn min kitibha ried jagħtina ħasla papali - jekk hijiex ġusta jew le inħalli f'idejn min qed jaqra dan l-artiklu. Hu impossibli li f'dan l-ispazju limitat ngħaddi l-kummenti tiegħi għall-ittri kollha; għalhekk se nikkummenta dwar dawk li trattaw xi aspetti pożittivi u negattivi filwaqt li dawk li tawna t-tifħir ser inżommuhom għalina waqt li jien nirringrazzjahom minn qalbi.

Wieħed li iffirma "Ex-Dilettant tan-nar" għamlilna suġġeriment dwar il-funtani tal-logħob tan-nar: dawn għandhom jispiċċaw bil-bomba għaliex jagħmel sabiħ ħafna. Jiena bħala dilettant tan-nar naqbel miegħu perfettament, però min naħa l-oħra kellna kummenti li dawn il-murtali jaħsduk għaliex ikunu qawwija wisq. Aħna rridu nippruvaw nogħġbu lil kulħadd, imma mhuwiex dejjem possibli; aħna bi ħsiebna nippruvaw nagħmlu xi bombi iżgħar mis-soltu għal wara l-funtani ta' l-aħħar, imbagħad wieħed ikun jista' jara r-riżultat.

Fl-ittra l-oħra kellna suġġeriment biex nhar il-festa waqt il-ħruġ tal-vara tinħaraq xi kaxxa infernali żgħira minn fuq xi bejt qabel dik il-kbira, minħabba li din ma titgawdiex mill-pjazza. Naqbel mija fil-mija ma' din il-persuna u għoġobna wkoll is-suġġeriment li għamel, infatti aħna għandna kaxxa żgħira bħal dik li nagħmlu fl-rxoxt.

Il-problema hi l-post minn fejn tinħaraq - mhux possibli naħarqu minn fuq is-Sala Parrokjali għax il-kaxxa tad-dħul tkun diġà lesta filwaqt li l-bejt ta' ħanut li kellna ħassejnieh mhux b'saħħtu bizzejjed. F'kelma waħda, jekk insibu post tajjeb din il-kaxxa tkun tista' tinħaraq. Persuna oħra għamlet suġġeriment biex il-flus li niġbru nagħtuhom lill-fqar. Jien jidhirli li jekk xi ħadd jagħti 10 liri għan-nar u jien ngħaddihom lill-fqar, ma nkunx onest għax inkun dħaqt bih; filwaqt li min min-naħa l-oħra aħna ma nistennewx li l-flus li huma nwarrbin għall-karità jiġu mogħtija lilna. Lil min kiteb din l-ittra nissuġġerilu jagħti dak li hu tal-karità għall-karità u dak li hu għan-nar lil tan-nar, anzi nżid li bħala nsara huwa fl-obbligu tagħna li ngħinu lill-fqar u fir-rigward tan-nar dan nagħtuh jekk irridu aħna.

Jiddispjaċini li l-ispazju hu limitat ħafna għalhekk ser ikolli nwieġeb għall-aħħar ittra', ittra li jidher ċar li l-iskop tagħha hu li taqta' qalb il-membri ta' din l-għaqda. "Dilettant tan-nar" qalilna li fl-aħħar festa, ħlief murtali tal-kulur "xkupi" u tifrik fl-ajru u fil-wied ma rax u skond dan, ir-raġuni hija minħabba l-ħafna jdejn fil-post tan-nar.

Nibda nwieġeb mill-aħħar, jidher li din il-persuna rnexxielha tibla dak kollu li persuna magħrufa ma' l-għaqda tagħna irnexxielhom ibellawlu. Għall-




Balanced Feeds Manufacturers

Tel. 413647 - 231229
Telex: 1838 LOPORT M.W.

34, St. Margaret Street,
Mosta, Malta,
10, Xatt il-Qwabar.
Marsa Malta.

# SANDES TOURS 1991

TOUR 1 - Turkija - Ġreċja 9 - 23 ta' Awissu
TOUR 2 - Awstrija (Vienna) - Ġermanja - Italja 10 - 23 ta' Awissu
TOUR 3 - Greċja (Athens) 16 - 23 ta' Awissu
TOUR 4 - Unjoni Sovjetika (Russja) - Czechoslovakia 17 - 31 ta' Awissu
TOUR 5 - Czechoslovakia - Polonja 24 ta'Awissu - 7 ta' Settembru
TOUR 6 - Amerika - Ingilterra 29 ta' Awissu- 11 ta' Settembru
TOUR 7 - Catania (Fiera dei Morti) 27 - 31 ta' Ottubru
TOUR 8 - Catania (Chrsitmas Shopping) 15 -19 ta' Diċembru
TOUR 9 - London New Year's Eve & Sales 28 December - 4 January 1992

**Booking:**
Grima S: St. Rita Wenzu Mallia Street, (Faċċata tal-Lyceum ) Hamrun Tel: 239664
Sciberras S: 113, Eucharistic Congress Road, Mosta. Tel: 414664
Von Brockdorff: 14, Zachary Street, Valletta Tel: 232141-2
Von Brockdorff: Rocklands, Windsor Terrace, Sliema Tel: 339549

informazzjoni ta' din il-persuna, fil-post tan-nar, mhux ħafna idejn hemm, iżda ftit, u jekk hu "dilettant tan-nar" bħal ma qal li hu, kull ma għandu jagħmel hu li jiġi l-post tan-nar u jurina kif għandna nagħmlu biex ma jkollniex murtali "xkupi". Aħna lesti li nippruvaw ideat ta' ħaddieħor sakemm dawn ma jkunux ideat perikolużi. Biex nuri kemm il-kummenti ta' din il-persuna għalija m'humiex ġusti, nista' ngħid illi dwar it-tifrik fl-ajru u fil-wied, is-sena l-oħra fil-festa kollha kellna murtal tal-kulur li qata' n-nar fl-ajru u meta mess ma' l-art fuq il-blat, kif inhu mistenni ħa fl-art. Allura b'daqshekk ifisser li kellna t-tifrik? Bħal kulħadd, aħna għadna ma wasalniex fi stadju li min nar nieħdu riżultat ta' 100% u dan nista' ngħidlu li ħadd - kemm f'Malta kif ukoll barra, ma jirnexxielu jġib riżultati bħal dawn - u dan hu s-sabiħ tan-nar. Min hu veru dilettant tan-nar jaf li aħna sena wara l-oħra qiegħdin f'battalja kontinwa mal-materjal li naħdmu bih għax qatt ma ssibu ta' l-istess livell.

Nissuġġerixxi lil dan li kiteb din l-ittra sabiex jgħaddi sal-'Lord Nelson Bar' u hemm għandna video dwar in-nar tas-sena l-oħra - nissuġġerixxi li jarah u jurina l-'ixkupi' ta' murtali tal-kulur li kellna. Ir-Ritratt ta' Joe Sammut li jidher fil-qoxra ta' dan il-ktieb hija ta' murtal tal-kulur minn tas-sena l-oħra; u jekk għall-korrispondent tagħna dan jarah "xkupa", mela j'Alla fil-festa li ġejja jara ħafna "xkupi" bħal dawn. Nispera u nitlob lil min kiteb din l-ittra jaqra dan l-artiklu wkoll u jieħu dan l-artiklu bħala tweġiba u xejn aktar. Grazzi u l-festa t-tajba lil kulħadd.

**E. Camilleri**


# VENTURA GARAGE

*Coaches & Minibuses for Hire*

Apply: Maryann Rose
Misraħ il-Parroċċa, Mellieħa
Tel: 520531



*Indri Camilleri jidher l-ewwel wieħed mix-xellug.*


Għal ġebel u sejjieħ dekorattiv
Lavur u ċangatura
Morru għand

# E. & J. VELLA

*(Ta' Ċomba)*

**"Jason Garage", Triq San Anton, Mosta.**

**Tel: 412216**
***(Wara l-Knisja ta' San Anton)***

**Showroom u Store miftuħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa**
**mill-4.00 p.m. sas-6.00 p.m.**
**Ċemplu 412216 waqt li l-ħanut ikun miftuħ**

## *APPREZZAMENT*

L-għaqda 15 ta' Awissu ilha ffurmata madwar 8 snin, iżda l-għeruq tagħha ġejjin minn ħafna snin lura, snin li fihom grupp ta' nies minkejja kull diffikultà kienu jagħtu s-sehem tagħhom biex il-festa tagħna l-Mostin tkun isbaħ. Aħna, membri ta' l-għaqda, nsejħu lil dan il-grupp ta' nies bħala l-pijunieri ta' l-għaqda tagħna.

Kien għalhekk xokk kbir għalija meta nhar it-Tlieta 19 ta' Frar, ħadt l-aħbar li Indri it-Tewej ma kienx għadu magħna. Indri kien wieħed minn dan il-grupp ta' nies w għalhekk huwa impossibli li nsemmi l-kontribut li kien jagħti seħibna Indri Camilleri lill-għaqda tagħna , qabel ma kellna l-post tan-nar. Min-naħa l-oħra li ma nistgħux ma nsemmux hu kemm Indri kien patrijott kbir Mosti; ma Indri kont ixxellifha jekk tażżarda tgħid xi ħaġa kontra l-Mosta, għaliex għalih, il-Mosta kienet kollox.

Ma nista' qatt ninsa darba waħda fil-Ġimgħa l-Kbira, meta Indri sema' persuna tmaqdar xi ħaġa fil-purċissjoni. Hemm trid tara l-patrijottiżmu ta' Indri fl-aqwa tiegħu, jiddefendi dak li huwa Mosti.

Personalment, kont infittex lil Indri meta nħoss li xi xogħol tan-nar ma marx tajjeb; dan kont nagħmlu għax kont inkun ċert li kien se jfarraġġni, jagħmilli l-kuraġġ u bis-saħħa tiegħu malajr ninsa d-disfatta li nkun ġarrabt. U għalhekk li f'dawn il-ġranet ta' festa se nħoss ħafna n-nuqqas ta' Indri - però ninsab ċert li ħarstu se tibqa' dejjem fuqna.

Prova ta' kemm Indri baqa' jħobb 'il Mosta sal-mewt huwa dak li qalli wieħed minn qrabatu, meta fuq is-sodda tal-mewt semgħuh ilissen il-kliem "Kemm hi sabiħa l-Knisja tal-Mosta mixgħula." Anke fl-aħħar ta' ħajtu, Indri wriena kemm kien jitgħaxxaq b'dak kollu li kien Mosti. Indri ħalliena iżda l-pariri tiegħu għadhom magħna.

*Mulej Agħtih il-Mistrieħ ta' Dejjem*
'Grazzi ta' kollox, Indri speċjalment talli għallimtni nkun Mosti kburi bil-Mosta'.

**E. Camilleri**

# FRANCESCO FENECH

# JOE'S BAR



Specializing in Home-made Pizza
and
Variety of Foods

Air-conditioned

Tel: 432023

CONSTITUTION STR., MOSTA

HI-GRADE

# Hi-Grade...
# High Quality...
# High Performance...

Binary Systems Co Ltd.

But don't take our word for it – independent reviews in the leading computing press have praised the performance and cost effectiveness of Hi-Grade's systems and the company's commitment to customer services.

This leading range is now joined by the latest advance in technology, the new 486-based system. Operating twice as fast as the current HIG 386/33 system, the 486 brings the power of a minicomputer to the PC.



BINARY SYSTEMS Co.Ltd.
28, Salvu Dimech Str.,
MOSTA
Tel 415611

HI-GRADE

Binary Systems Co Ltd.

# SULTANA AUTOPARTS

ICI PAINTS DISTRIBUTOR
LADA PARTS STOCKIST
MECHANICAL – BODY PARTS ACCESSORIES

Ġużè Duka Street,
TAL-ĦANDAQ - QORMI
Tel. 486172

# SPITERI

129 TOWER STREET, MOSTA

for

CLOTHES, UNDERWEAR, FOOTWEAR, BIRTHDAY PRESENTS AND BABY GIFTS, BABY WEAR, WEDDING GIFTS, TOYS AND STATIONERY.

# MERILL

**Wied il-Għasel Street, c/w Bridge Street, Mosta for**

**STATIONERY, TOILETRIES, TOYS & GIFTS**
**FOR EVERY OCCASION**
**AT THE BEST QUALITY & THE CHEAPEST PRICE**

**Tel: 434670**

# *BEST & LESS*

*Where Quality costs less*

*For Jeans,Textiles & Household goods*

57/59, Constitution Street, Mosta. Tel: 433869
TOP CHOICE FOR STYLE & PRICE
WHERE QUALITY COSTS LESS

# APOLLO



*BATTERY - TYRE CENTRE*



*REPAIR & SALES & SERVICE*

**MAIN STREET, MOSTA**
**Tel: 410665**

# EURO COLLECTION

Unisex Boutique




Hwejjeġ ta' l-aħħar moda għal kull okkażjoni
EUCHARISTIC CONGRESS ROAD, MOSTA

# NEW REEF

*General Store*

Distributor for:-
Hardware goods & Frame Mouldings

9th April Street, Mosta - Malta

Tel: 410508

# LAWRENCE FENECH LTD.

**Marble, Granite & Resin Works**
**Mosta Road, Lija**
**Tel: 413542**

# *Dolcezza*

## Dolceria - Cafeteria

*(Prop. C.Camilleri)*

172, Main Street, Mosta
Caterers for all Occasions   Tel: 430494

# HIGHWAY SERVICES LTD.

*ANTHONY G. ABELA*
*Director*

*Showroom:*
114-117, Naxxar Road, Balzan
*Head Office:*
Highway House,
Naxxar Road, Balzan - Malta

Tel: 441296 Fax: 492961 Telex: 439 Hway MW
Cables: Highway Malta.

# RONFLEUR 2

**Flower Arrangements, Wedding Souvenirs, Invitations etc.**
**5, Curate Schembri Street, Mosta**
**Tel: 413260**

# MOSTA ELECTRONIC CENTRE



**RADIO - T.V. - VIDEO - HI-FI**
**Sales & Service**
**Joseph Zerafa**

**Constitution Street, Mosta. Tel: 432001 Fax: 434400**

EST. 1969

**MOSTA AUTO DEALERS**

**75/77 Constitution Street,**

**Mosta**

***Tel: 433887***



**C.V. HOLDINGS LTD.**

*Building Contractors & Property Dealers*

*Carmel Vassallo*

*Chairman & Managing Director*

**"Oleander", Dr. Chetcuti Street,**

**Mosta - Malta**

**Tel: 413559**


*Il-Kumitat ta' l-Għaqda tan-Nar 15 ta' Awissu*
*jixtieq jirringrazzja lil dawk li b'xi mod*
*jew ieħor taw l-għajnuna tagħhom*
*matul is-sena b'mod speċjali*
*lill-Familja Bonavia*
*u lil dawk li għenuna u ma jixtiqux*
*juru isimhom.*

# SAMMUT
# CONCRETE SUPPLIES

***BRICKS MANUFACTURING***
***& CRANE HIRE***




**Wied il-Għasel,**
**Burmarrad**

**Tel: 475680 - 431505**

# Marfel

IMPORTERS & WHOLESALERS OF TOYS
GREETING CARDS * STATIONERY * NOVELTIES

**MARFEL MOSTA NEWS AGENCY:**
Stationery, Toys, Printing, Magazines, Souvenirs and the best selection of Greeting Cards on the island.

Importers of Greeting Cards, Stationery, Toys, Christmas Decorations.

**MARFEL 2**
Watches, clocks, Imitation Jewellery, Cameras, Films and Repairs of Watches and Clocks.

**MARFEL TRAVEL**
For all your Travelling needs, Insurance - (Cars, Homes, Personal etc).

**MARFEL ESTATE**
Property, Plots and Land for Sale.

**HEAD OFFICE**
81/2, Constitution Street, Mosta
Tel: 432045 / 413395
Fax: 411435